repubblika

A CIVIL SOCIETY MOVEMENT

15 ta' Ġunju 2020

s-Sur Carmelo Magri
Aġent Kummissarju tal-Pulizija
Pjazza San Kalċidonju
Floriana FRN 1530

Għażiż Sur Magri,

Niktiblek in konnessjoni mal-aħbarijiet xokkanti li qed nismgħu bihom f'dawn is-siegħat b'rabta mal-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia.

Huwa evidenti li l-persuni li ikkummissjunaw, ippjanaw u wettqu l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia huma persuni b'saħħa qawwija u b'konnessjonijiet u infiltrazzjoni politika u istituzzjonali kbira ħafna, inkluż fil-Korp tal-Pulizija.

Fid-dawl ta' dan kollu, f'isem il-moviment Repubblika nitolbok tipprovdi mingħajr telf ta' ħin lill-Avukat Dr Jason Azzopardi, kif ukoll lil kull min jinsab fil-periklu minħabba dan il-każ, bi protezzjoni adegwata. Nfakkrek li hu dmirek tassigura li kull min hu fil-periklu għandu jkun protett. Iżda wara li ġara 'l Daphne Caruana Galizia, inħossuna fid-dmir li niġbdulek l-attenzjoni anke għal dak li missu jkun ovvju.

Dejjem tiegħek,

Vicki Ann Cremona (Prof.)
President, Repubblika

Kopja:

L-Eċċellenza Tiegħu George Vella, President tar-Repubblika
L-Onorevoli Robert Abela, Prim Ministru

55, Triq Melita, il-Belt Valletta, VLT 1120
repubblika.mt@gmail.com